# L-Infern tal-Midneb!

*Ta'* Karmenu Vassallo

Kien għax ħajja mill-agħar. Jekk ħolma fiergħa
għalih il-Liġi t'Alla, biċċa bluha
kienet il-Liġi tan-Natura : daħka
fil-wiċċ u ħrafa ta' taqrir! Għalih
kien hemm biss ħajja ta' bla xkiel u rabta :
ħajja ta' għors, ta' żina, ta'tgawdija
mingħajr ilġiem ta' xejn. Il-bniedem bhima
— kien igħid u jħoss hu — u bir-raġuni
tasal biex tara u tifhem li mill-bhejjem
hu l-aktar wieħed iblah: għax hu biss,
fost il-bhejjem ta' l-art, minn rajh, minn jeddu
iġġennen hekk li tgħallaq b'liġijietu —
liġijiet ta' tiċħid, timnigħ u biża'
mit-"tajjeb" tagħhom li jsir "ħażen" fina.

* * *

Ismu w-egħmilu kienu
mhux fuq xofftejn il-ftit :
kienet taf bih kotra bla għadd fejn twieled :
b'faħxu kont tisma', kull fejn tmur, sikwit.
Ma kinux tnejn jew tlieta
dawk li tbennu f'dirgħajh
awl il-lejl u mjassrin sebħu fil-għodu
bil-għajb tad-dnub u s-semm li jħalli wrajh.
F'kemm-il dar ta' l-iltiema
jafu biss il-ħitan
kemm, minflok talb, saħtiet heżhżu l-imrammi
kontrieh talli kien biegħhom lix-xitan.
U kienu kemm-il rokna
fejn sewwed il-ħaxix
u nħaraq b'nar il-ħalf u d-dagħa ta' lsienu
u b'egħmil ieħor tiegħu ta' tkexkix.
U dan f'kemm-il rebbiegħa
u f'kemm-il xitwa għaddew
minn ftuħ żgħożitu sa ma s-snin bit-toqla
tal-mard u l-qtigħ-il-jies għomru għabbew.

* * *

Kien jum ta' waħx. Mhux xita traxxax, lanqas
beraq ileħħ u ragħ'd ikarwat w-ilħna
jingħu ta' rjieħ, donnhom erwieħ mitlufa,
kien hemm f'ġuf l-ajru; iżda għata tqil
bħaċ-ċomb u lewnu, u reżħa xxoqq il-għadam,
u toqla taqta' n-nifs, u dieqa u ħemda
donnha ta' qabar. Hin bla waqt, twerżiqa
qisha ta' tromba mażrżra, għajta maħnuqa
ma' karba ta' wġigħ kbir taqsam u tikser
dik is-sikta ta' waħx b'waħx ieħor eħrex
u eqqel minnu. Lejn l-imkien tal-biża'
tersaq in-nies maqtugħa. Daħna sfiqa
u sewda faħam, bħal sikkina fl-artab,
tinfed u toħroġ barra x-xquq tat-twieqi
imsakkra u tal-bibien u l-ħajt b'żewġ saffi
ta' dar l-imsejken. Bi tbatija u saħħa
jintafa' ġewwa bieb id-dar u tidħol
uħud mill-kotra. Biża' kbir jaħkimha
hekk kif tilmaħ idaħħan qalb l-intejjen
ġisem bla ħajja li, xħin lilu tgħatti,
jinħarqilha l-liżar u l-gverta u kollox
b'ilsna tlebleb ta' nar — l-infern tal-midneb!

(Il-ħjiel ta' dawn il-ftit versi nibet u xegħel fija meta kont għadni ngħallem fil-Kulleġġ San Alwiġi ta' Birkirkara. Kont smajt b'mewta kerha ta' bniedem li xejn, milli jidher, ma kien għax ta' *nies*. Żmien wara ħlomt li ġemgħa ta' nies kienet qed tipprova tgeżwer f'liżar jew fi gverta l-ġisem mejjet ta' dal-flien; imma li tagħmel dan ma rnexxilhiex għax ta' kull darba l-għata beda jinħarqilha.—L-Awtur.)